31998R1061

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1061/98

tal-25 ta' Mejju 1998

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2571/97 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezzijiet imnaqqsa u l-konċessoni tal-għajnuna għall-krema, il-butir u l-butir ikkonċentrat għall-użu fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti tal-pastiċċiera, il-ġelat u oġġetti oħra ta' l-ikel.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1587/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 6(6), 12(3) u 28 tiegħu,

Billi l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Nru 2571/97 [3] jistabbilixxi l-limitu taż-żmien għall-proċessar u l-inkorporazzjoni fil-prodotti finali l-prodotti riferiti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament; billi t-tul tal-limitu taż-żmien huwa bħalissa fattur li jinkoraġġixxi x-xogħlijiet spekulattivi; billi dan il-limitu taż-żmien għandu għalhekk jiġi mnaqqas;

Billi, sabiex jiġi żgurat illi l-offerti jkuna bona fide, mogħtija s-sitwazzjoni korrenti fis-suq, il-garanzija għall-offerti riferita fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 2571/97 għandha tiżdied għal 350 EUR għal kull tunnellata metrika;

Billi l-miżuri rprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta'Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2571/97 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 11, il-frażi 'sitt xhur' tiġi mibdula bil-frażi 'tliet xhur',
2. fl-Artikolu 17(1), il-frażi '180 EUR' tiġi mibdula bil-frażi '350 EUR'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, il-25 ta' Mejju, 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 21.
[3] ĠU L 350, ta' l-20.12.1997, p. 3.